MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 150/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Dr. Vittorio Ragonesi**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Dr Vittorio Ragonesi talli bhala direttur jew rapprezentant tal-Holtours Ltd, fil-Furjana fis-7 ta' Gunju 2003 u fix-xhur precedenti naqas li jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Pulizija sabiex inehhi l-periklu w issewwi l-hsara kif jixraq li hemm fil-fond/garage immarkat bin-numru 16 il-Foss ta' San Gwann, il-Furjana li hu proprjeta tieghu jew amministrat minnhu, u b' hekk ma obdiex ordni legittima bi ksur tal-Art. 25 tal-Kap 10 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u Art. 338(ee) tal-kodici Kriminali; l-ewwel qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, barra milli taghti l-piena skond il-ligi, tordna wkoll lill-imputat li jnehhi l-inkonvenjent fi zmien skond il-ligi u cioe `li jirripara l-hsarat imsemmija fi zmien

sufficjenti lilu moghti taht penali ta' mhux anqas minn Lm2 kulljum fin-nuqqas;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Lulju, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Dr Vittorio Ragonesi hati skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu Lm10 ammenda, kif ukoll iffissat terminu ta' tlett (3) xhur ghat-tnehhija tal-perikolu "taht is-sorveljanza u direzzjoni tal-A.I.C. Godwin Abela nominat ghal dan il-fini u din taht penali ta' Lm2 kuljum a tenur tal-Art 85 tal-Kap 9"[1];

Rat ir-rikors ta' appell ta' Dr Vittorio Ragonesi, minnu prezentat fit-23 ta' Lulju, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-diversi dokumenti ezibiti; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2003; ikkunsidrat:

Dana r-rikors ta' appell hu redatt b'mod pjuttost insolitu, fis-sens li l-paragrafu fejn jinghad, f'certu sens, x'inhu jew x'inhuma l-aggravju jew aggravji huwa l-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar tar-rikors li jghid testwalment hekk:

**"10. Illi l-esponent hass ruhhu aggravat mhux biss bis-sentenza tas-17 ta' Lulju, 2003 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Gudikatura Kriminali, izda wkoll bil-mod kif gie trattat waqt is-smigh tal-kawza u l-mod kif ma giex moghti l-opportunita` ta' difiza w c-cirkostanzi li fihom inghatat is-sentenza kif fuq spjegat."**

Abbinat dana l-paragrafu ma' dawk li jigu qabel, din il-Qorti tifhem li l-aggravji tal-appellant huma, bazikament, is-segwenti: (1) illi l-appellant ghamel "chaining fence" b'mod li hadd ma seta' jidhol vicin ir-remissi, fosthom dak bin-numru 16, li hemm fil-Foss ta' San Gwann, u dan ghamlu kif kien gie suggerit lilu mill-istess Pulizija, b'mod

[1] Ghalkemm fil-kopja tas-sentenza dattiloskritta, l-ahhar sentenza tirreferi ghall-Artikolu "85 tal-Kap.9", dan jidher li hu zball dattilografiku; l-original tas-sentenza, fuq wara tal-komparixxi, tirreferi ghall-Art. 25 u minghajr referenza ghall-kapitolu tal-ligijiet ta' Malta. Evidentement ir-referenza kellha tkun ghall-Artikolu 25 tal-Kap. 10.

ghalhekk li huwa nehha l-perikolu ghan-nies li talvolta seta' kien hemm; (2) li l-garage *de quo*, cioe` dak bin-numru 16, hu tal-kumpanija rappresentata minnu u li hadd ma ghandu dritt jidhol fih, b'mod ghalhekk li galadarba sar ic-"chaining fence" aktar 'l fuq imsemmi ma hemm ebda perikolu kif diga inghad; u (3) illi l-Qorti Inferjuri ma taghtux l-opportunita` li jiddefendi lilu nnifsu adegwatament peress li kif kien ghadu qed jixhed fuq il-pedana tax-xiehda il-Magistrat sedenti kien diga qed jikteb is-sentenza li qraha meta l-appellant kien ghadu fuq l-istess pedena. Dawn huma, sostanzjalment, l-aggravji.

Din il-Qorti ser tibda biex tikkonsidra l-ewwel aggravju ta' l-appellant. Din il-Qorti tista' tifhem li l-appellant seta' hassu xi ftit urtat u forsi anke sbalordit bil-fatt li waqt li ghadu qed jixhed il-Magistrat sedenti kien qed jikteb is-sentenza flok, kif haseb l-appellant, jiehu notamenti ta' dak li hu kien qed jiddeponi. Din il-Qorti, pero`, tista' tifhem ukoll ghala l-ewwel qorti deherilha li waqt li huwa kien qed jixhed kellha tibda tabbozza s-sentenza, kif ser jigi spjegat aktar 'l quddiem f'<u>din</u> is-sentenza. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti – cioe` l-Qorti ta' l-Appell Kriminali – issa tat l-opportunita` kollha lill-appellant biex jixhed u jaghmel id-difiza kif ried u kif xtaq hu, u ghalhekk kwalsiasi pregudizzju – reali jew immaginarju – li seta' kien hemm bil-mod kif sehhew l-affarijiet quddiem l-ewwel qorti gie rimedjat f'din is-sede ta' appell.

Fil-meritu, l-appellant jikkontendi li hu nehha l-perikolu ghan-nies li seta talvolta kien hemm billi ghamel dak li kienet issuggeriet il-Pulizija, cioe` ic-"chain fencing" li jzomm lin-nies milli jersqu vicin ir-remissi in kwistjoni. Issa, l-Artikolu 25 tal-Kap. 10 jghid testwalment hekk:

**Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, hadd ma jkun jista', minghajr il-licenzja tal-Kunsill Lokali relattiv, jibni jew jaghmel ebda haga fit-toroq li tista' ggib xkiel jew perikolu jew inkomdu lill-pubbliku, <u>inkella jhalli, wara li jigi mwissi mill-Pulizija jew minn gwardjan lokali, bini jew opri fi stat ta' tigrif jew ta' perikolu ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor</u>.**

Il-parti ta’ din id-disposizzjoni li l-prosekuzzjoni invokat konta l-appellant, allura imputat, hija dik sottolineata. Biex ikun hemm dan ir-reat iridu jikkonkorru s-segwenti:

i. bini jew opra li tkun jew fi stat ta’ tigrif jew ta’ perikolu ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor;
ii. li l-persuna responsabbli minn dan il-bini jew minn din l-opra tkun giet imwissija (“intimation”, fit-test ingliz), fis-sens li tkun giet infurmata jew avzata bl-ezistenza ta’ dan it-tigrif jew perikolu, minn gwardjan lokali jew mill-Pulizija; u
iii. li minkejja dan, dik il-persuna thalli dak il-bini jew dik l-opra fl-istat imsemmi.

Mill-provi jirrizulta li certu Lawrence Quintano qieghed jokkopa l-garage bin-numru 16 fil-Foss ta’ San Gwann, il-Furjana. Dan il-garage – kif jidher ukoll mir-ritratti ezibiti – hu mghammar bid-dawl elettriku, bl-ilma, hemm telephone u ghandu anke kaxxa ta’ l-ittri ghall-posta. Fih bhalissa hemm, fost affarijiet ohra, anke zewg karozzi f'dan il-garage (kif xehed l-istess Lawrence Quintano), liema garage hu munit, dejjem skond ma xehed l-istess Quintano, b’licenzja tal-Pulizija sabiex jista’ jsir xoghol ta’ “sprayer”. Quintano jikkontendi li hu jhallas il-kera ghal dak il-post; l-appellant jikkontendi li, bhala s-sid tal-post jew rappresentant tas-sid tal-post, lil Quintano anqas biss jafu, u effettivament bhalissa hemm kawza sabiex l-imsemmi Qiuntano jigi zgumbrat minn dan il-garage. Bhala fatt, pero`, ma hemmx dubbju li dana Quintano <u>attwalment ghandu l-pussess ta’ dan il-garage u ghandu wkoll hwejjeg f’dan il-garage</u>. F’xi zmien f’Gunju tas-sena l-ohra (2002) Quintano rraporta lill-Pulizija li kien hemm perikolu f’dan il-garage fis-sens li kien hemm soqfa li kienu perikoluzi (ara kopja tar-rapport li ghamel lill-Pulizija u li jinsab a fol. 9 u 10 tal-atti). Tajjeb li jigi osservat li minn dan ir-rapport jirrizulta li meta huwa (cioe` Quintano) gie mistoqsi mill-Pulizija ta’ min kien il-post (zewgt ikmamar) li jigi fuq il-garage tieghu u li fih hemm l-aktar hsara, huwa wiegeb li ma kienx jaf (ara fol. 10). Ma hemmx dubbju wkoll – ara c-certifikat ezibit mill-A.I.C. Alan Saliba, fol. 8 – li f’dan il-post hemm soqfa li huma

perikoluzi fis-sens li t-travi ddeterjoraw b'tali mod li dawn jistghu jcedu minn mument ghall-iehor.

F'xi zmien f'Marzu jew qabel Marzu ta' din is-sena (2003) l-appellant gie infurmat mill-Pulizija b'dan il-perikolu. Huwa jghid li l-Pulizija kienu qalulu biex jaghmel "chain fencing" biex jaghlaq l-access ghal dawn ir-remissi kollha, inkluz ghalhekk l-access ghall-garage numru 16; u fil-fatt huwa, tarmite ditta ta' periti, applika[2] ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex ikun jista jsir dan ic-"chain fencing". Dan il-permess hareg fil-21 ta' Mejju, 2003 (ara fol. 4), u c-"chain fencing" ittella' f'xi zmien bejn il-21 ta' Mejju, 2003 u l-15 ta' Lulju, 2003 (ara d-deposizzjoni ta' Joseph Farrugia moghtija fl-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2003). Dan il-"fencing" jidher sew fid-diversi ritratti ezibiti a fol. 13 tal-atti. B'hekk, jikkontendi l-appellant, illum ma hemmx aktar perikolu ghax hadd ma jista' jersaq lejn ir-remissi li hemm fil-foss in kwitjoni.

Din il-Qorti ma taqbilx. Ghalkemm wiehed, forsi, jista' jghid li l-garage *de quo* ma jinsabx fi stat ta' "tigrif" ("ruinous" fit-test ingliz), certament ghad hemm perokolu ghall-hwejjeg ta' Lawrence Quintano li jinsabu fil-garage. Kif spjegat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-perikolu jista' jkun jew ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor. Din il-Qorti mhix ser tidhol, u mhix kompetenti li tidhol, fil-kwistjoni ta' jekk Quintano hux qed jokkupa l-garage bi dritt jew abuzivament; anqas ma hi ser tikkummenta dwar jekk ic-"chain fencing" sarx biex izomm lill-pubbliku milli jersaq lejn ir-remissi jew jekk sarx – kif donnu jikkontendi Quintano – sabiex izomm lill-istess Quintano milli jaccedi ghal gol-garage li sa issa ghandu fil-pussess tieghu. Anke jekk il-Pulizija kienu qalu lill-appellant biex jaghmel dan ic-"chain fencing", dan il-parir taghhom ma kienx jezonerah mill-obbligu impost mill-ligi biex ma jhallix bini fi stat li jkun ta' perikolu ghall-hwejjeg ta' Lawrence Quintano. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, Lawrence Quintano ghadu jaghmel uzu minn dan il-garage, u sal-lum, jekk mhux hu u min juza l-garage, ghall-anqas hwejjgu jinsabu fil-perikolu minhabba l-istat li jinsabu

[2] Skond il-permess ezibit, l-applikazzjoni saret fil-11 ta' Marzu, 2003.

fihom it-travi specjalment dawk tal-kmamar li jigu fuq il-garage. Sal-lum dan il-perikolu ghadu ma tnehhix. Ic-“chain fencing” ghandu jitqies biss bhala mizura biex inaqqas dan il-perikolu ghall-pubbliku in generali li jista’ jkun ghaddej mill-Foss, izda mhux biex inehhih ghall-fini tal-Artikolu 25 imsemmi. Presumibbilment huwa ghalhekk li l-Magistrat sedenti fl-ewwel qorti kien diga beda jikteb is-sentenza waqt li l-appellant kien ghadu qed jiddeponi, cioe` peress li kien evidenti li dak li kien qed jghid ix-xhud (l-imputat) ma kellu ebda relevanza ghal vera kwistjoni f’dan il-kaz.

L-unika haga li din il-Qorti ma taqbilx maghha fis-sentenza appellata hi fejn l-ewwel qorti ordnat li t-tnehhija tal-perikolu ghandu jsir “taht is-sorveljanza u direzzjoni tal-A.I.C. Godwin Abela…”. L-Artikolu 312 tal-Kap. 10 ma jipprovdi ghal ebda tali nomina; f’kaz li l-hati ma jnehhix l-inkonvenjent fiz-zmien lilu prefiss, apparti li tiskatta il-penali *per diem*, il-Pulizija tista’ tirrikorri quddiem il-qorti li tkun u titlob li jigi applikat is-subartikolu (2) tal-Artikolu 321.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti biss fejn jinghad “taht is-sorveljanza u direzzjoni tal-A.I.C. Godwin Abela nominat ghal dan il-fini”, izda tikkonfermaha fil-bqija (bil-precisazzjoni, pero`, dwar ir-referenza ghall-Artikolu 85 tal-Kap. 9 maghmula fin-nota in calce numru 1), b’dan li l-periodu ta’ tlett xhur jibda jiddekorri mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------